## 18 ta' Ġunju, 1954.

Imhallfin :—
Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.;
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Victor Cauchi ne. *versus* Giuseppe Debono ne.

**"Commission Agent" — Aġent tal-Kummerċ — Nomina — Art. 74 u 82 tal-Kap. 17.**

*Aġent tal-kummerċ huwa dak li hu inkarikat, fil-fiss u personalment, minn ditta wahda jew iżjed ta' barra, sabiex imexxilhom l-affarijiet taghhom f'dawn il-Gżejjer u jibaghtilhom l-ordnijiet ghall-aċċettazzjoni. U meta l-aġenzija hija konferita mid-ditta ta' barra ghal żmien mhux determinat, kemm id-dar ta' barra kemm l-aġent jistghu jitterminaw l-aġenzija billi jaghtu lil xulxin preavviż ta' tliet xhur.*

*Imma biex wiehed jista' jinghad li hu aġent tal-kummerċ, mhux biżżejjed li hu jkun jaghmel xi operazzjonijiet mad-dar ta' barra li fihom hu jesplika l-funzjonijiet ta' aġent; iżda jehtieġ li hu jkun ġie kostitwit mid-dar ta' barra bhala aġent taghha ghal Malta.*

*Ghal din in-nomina mhux neċessarju kuntratt formali; imma jehtieġ li almenu mill-korrispondenza jirriżulta, mhux biss il-konklużjoni ta' xi operazzjoni maghmula bhala aġent, imma li jkun hemm xi haġa li minnha wiehed jista' jiddeżumi li d-dar ta' barra ikkonferiet l-aġenzija lil dak li jippretendi li huwa aġent taghha.*

*Fi ftit kliem, bniedem jista' jaghmel operazzjonijiet mad-dar ta' barra bla ma jkun aġent taghha, u xlant f'dawn l-operazzjonijiet jiehu l-parti ta' aġent, ghax ikun intermedjarju bejn il-klijent li jaghmel l-ordni u d-ditta li lilha jiġi trasmess l-ordni; u bniedem jista', min-naha l-ohra, jaghmel operazzjonijiet bhala aġent ma' djar ta' barra, u jkun fil-fatt ġie nominat bhala aġent taghha. Fil-każ preżenti, kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, il-Qorti ta' l-Appell żammet u qatghet li l-każ ta' l-attur kien dak ta' l-ewwel, u ma lahaqx wasal ghat-tieni stadju.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Taghha r-Reġina, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta li hu kien ġie nominat mid-ditta konvenuta, fit-13 ta' Ġunju 1952, biex jirrappreżentaha bhala Com-

mission Agent f'Malta; u illi l-istess ditta konvenuta, mingħajr ebda raġuni, fl-20 ta' Settembru 1952, neħħiet ir-rappreżentanza fuq imsemmija; talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, tiġi minn dina l-Qorti likwidata s-somma dovuta lilu bħala danni a termini ta' l-art, 82 para. (1) tal-Kodiċi Kummerċjali, Kap. 17 Edizzjoni Riveduta, konsistenti dawn id-danni fil-kummissjonijiet li hu kien jaqla' matul it-tliet xhur previsti mill-artikolu fuq ċitat minn fuq merkanzija tad-ditta konvenuta li ġiet importata matul it-tliet xhur li bdew mill-20 ta' Settembru 1952 u f'danni oħra li jistgħu qatt jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u konsegwentement il-konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lilu s-somma hekk likwidata. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tas-sekwestru tat-23 ta' Diċembru 1952;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Jannar 1954, li biha laqgħet it-talba ta' l-attur, illikwidat fis-somma ta' £22 id-danni sofferti mill-istess attur għar-raġunijiet fuq indikati, u kkundannat *lill-konvenut nomine jħallas lill-attur, in linea* ta' danni, is-somma ta' £22, bl-interessi legali mill-jum tas-sentenza u bl-ispejjeż tal-kawża; billi kkunsidrat;

L-attur jippretendi li kien ġie nominat aġent tal-kummerċ tad-ditta konvenuta, u billi, kif huwa jallega, dik id-ditta, mingħajr ebda raġuni, ħalliet l-aġenzija bla ma tagħtu avviż tliet xhur qabel, kif jingħad li għandu jsir fl-art. 82 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, qiegħed jitlob kontra l-istess ditta konvenuta r-riżarċiment tad-danni, li hu jagħmel jikkonsistu fit-telfa tal-kummissjonijet li kien jaqla' fil-kors ta' dawk it-tliet xhur:

Hu aġent tal-kummerċ dak li hu inkarikat fil-fiss u personalment minn ditta waħda jew iżjed ta' barra sabiex imexxilhom l-affarijiet tagħhom f'dawn il-Gżejjer u jibgħatilhom l-ordnijiet għall-aċċettazzjoni (art. 74 Kodiċi tal-Kummerċ). Mhux neċessarju, biex wieħed ikun aġent tal-kummerċ ta' ditta fi pjazza estera, li jkollu rappreżentanza esklużiva ta' dik id-ditta estera; u difatti l-liġi tikkontempla l-każ meta jkollu hu biss l-aġenzija għal dawn l-Gżejjer, biex tagħtieħ

f'dak il-każ, il-kummissjoni shiha wkoll fuq l-operazzjonijiet li d-ditta tagħmel direttament mingħajr l-għajnuna tiegħu (art. 81 (3) Kodiċi ċitat);

Id-ditta konvenuta tallega li qatt ma tat l-aġenzija lill-attur;

Ma hemmx kuntratt bil-miktub li minnu tirriżulta l-aġenzija, u lanqas sempliċi ittra ta' nomina ta' l-attur bħala aġent;

Mid-dokumenti li ġew prodotti jirriżultaw il-fatti segwenti;

*Omissis;*

Minn dawn il-fatti jirriżulta soddisfaċentement il-konferiment ta' l-aġenzija lill-attur, u li d-ditta konvenuta ħallet dik l-aġenzija. L-istess ditta konvenuta ma tinnegax li ma avżatx lill-attur tliet xhur qabel, u lanqas ma tallega, u ma tistax tallega, kunsidrata l-ittra li kitbitlu meta neħħietlu l-aġenzija, xi mala fede ta' l-attur;

Skond l-art. 81 (1) tal-Kodiċi ċitat, "meta l-aġenzija mogħtija mid-ditta ma tkunx għal żmien stabbilit", kif ma kienetx fil-każ preżenti, "sew il-prinċipal kemm l-aġent jistgħu jħollu l-aġenzija billi jagħtu avviż lil xulxin tliet xhur qabel, bla ħsara tal-jedd ta' l-aġent għall-kummissjoni fuq l-affarijiet li jkunu miexja". It-tieni inċiż ta' l-istess artikolu jgħid:— "Din ir-regola ma tgħoddx meta l-aġenzija tispiċċa minħabba l-mala fede tal-prinċipal jew ta' l-aġent";

Ga ngħad li ma tirriżulta ebda mala fede da parti ta' l-attur;

L-attur kwindi kellu d-dritt għal dak l-avviż, u fin-nuqqas tiegħu għandu d-dritt jirreklama — kif qiegħed jagħmel b'din il-kawża — ir-riżarċiment tad-danni li bata minħabba li ma rċevihx;

Mill-kumpless tal-provi (dokumenti fil-fol. 13, fil-fol. 22, fil-fol. 34, u fil-fol. 35) jirriżulta soddisfaċentement illi l-attur seta' jirrikava, bl-aġenzija, kummissjoni ammontanti kompplessivament għas-somma ta' £22, u dana huwa kwindi l-ammont li d-ditta konvenuta għandha tħallas lill-attur biex tirriżarċilu d-danni li ġegħlitu jsofri bl-aġir, mhux biss illegali, imma anki kuntrarju għal kull regola tajba;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut nomine, li biha talab li s-

sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u t-talbiet ta' l-attur nomine jiġu miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-art. 82 tal-liġi (Kap. 17 Ediz. Riv.), li fuqu hi mpernjata l-istanza, jgħid hekk:— "Where the agency conferred by the firm is not for a limited time, both the principal and the agent may terminate the agency by giving three months' previous notice........";

L-attur nomine jsostni li hu kien ġie nominat mid-ditta konvenuta biex jirrappreżentaha bħala Commission Agent f'Malta (ara premessi taċ-ċitazzjoni) u li d-ditta konvenuta neħħietlu l-inkariku bla pre-avviż;

Issa, hu ċar li, biex l-attur nomine jirnexxi fl-istanza tiegħu, jeħtieġ li hu juri li ġie nominat mid-ditta konvenuta bħala aġent tagħha f'Malta. Mhux biżżejjed li hu kien jagħmel xi operazzjonijiet magħha li fihom jkun esplika l-funżjoni ta' aġent. Infatti:—

(1) L-art. 82 fuq ċitat jibda biex jgħid "Where the agency conferred by the firm........" Dawn il-kliem jimpurtaw, bla dubju ta' xejn, il-konċett li d-dar ta' barra tkun, mhux biss aċċettat xi ordinazzjonijiet li jkun ittrasmettielha bħala aġent fl-operazzjoni, imma li tkun innominatu bħala aġent tagħha;

(2) Jista' jagħti faċilment il-każ li persuna tibgħat ordinazzjonijiet ta' klijenti tagħha lid-ditta ta' barra, u li għalhekk tkun qegħedha taġixxi f'dawk l-operazzjonijiet bħala aġent, vvoldiri tkun qegħda tesplika l-funzjoni intermedjatriċi ta' aġent, bla ma tkun b'daqshekk aġent tad-dar ta' barra;

(3) Hi ħaġa komuni fil-prattika merkantili, u del resto loġika, li dar ta' barra ma taqbadx tinnomina aġent tagħha mill-ewwel, imma li tittratta affarijiet ma' diversi biex tkun tista' tara min aktarx imexxilha l-aġenzija tagħha l-aħjar. Għalhekk in-nomina ta' l-aġent ma tisfax tinstab f'dawn il-preliminari;

(4) Me'a jingħad illi t-tali huwa aġent ta' dar ta' barra, dan hu fis-sens li tagħti d-definizzjoni stess tal-liġi fl-art. 74

idem, fejn jingħad illi "A mercantile or commission agent is a person permanently and personally employed by one or more firms abroad to promote their business in these Islands and to transmit orders for acceptance". Fit-test taljan il-kliem kienu (art. 75 Att XXX ta' l-1927) :— "E agente di commercio chi è incaricato stabilmente e personalmente da una o più ditte estere..............." Il-kelma "stabilmente" ("permanently") għandu jkollha s-sinifikat tagħha. J'għid il-Professur Ramella (Cod. Comm. Comm. Bolaffio e Vivante, Vol. VI, p. 402), fil-waqt li jenumera l-estremi legali tal-figura ta' agent :— "Che l'incarico per ragion di tempo sia stabile, nè già riferito ad una occasionale trattazione, poichè le leggi in prevalenza si riferiscono a rapporti di permanente durata, continuativi; che l'attività dell'agente è rivolta alla trattazione di molteplici affari che nell'ordine di tempo si susseguono e concorrono a sviluppare l'azienda del commerciante per cui opera e con cui è legato con contratto permanente, stabile, per tutto il complesso degli affari dell'azienda, nè già per singole operazioni, anche se taluna, per l'importanza sua, possa richiedere per la sua esecuzione una certa durata". Meta kiteb il-Prof. Ramella kien hemm fl-Italja l-Kodiċi tal-1882, li ma kienx fih dispożizzjonijiet "ad hoc" dwar l-aġenti kummerċjali. Għalhekk il-Professur Ramella uża l-frażi "poichè le leggi in prevalenza"; u fin-nota "in calce" relativa semma xi kodiċijiet esteri u semma wkoll l-art. 70 tal-Proġett tal-Kodiċi l-ġdid tal-Vivante. Il-leġislatur malti rritjena l-kelma "stabilmente", għax probabilment irrispekkja ruħu fuq il-Proġett tal-Vivante tal-1925, kif jidher mid-dibattitu parlamentari. Infatti, meta l-Ministru tal-Ġustizzja introduċa l-liġi fit-tornata tat-22 ta' Frar 1926, u semma d-diversi fonti, hu inkluda anki l-Proġett tal-Vivante (Parl. Debates Vol. 12, Sess. 1924-27. Fifth Part, p. 5155). Kożikkè l-komment tar-Ramella huwa appożitu għal-liġi tagħna, għaliex din għandha preċiżament ir-rekwiżit li semma hu ta' l-istabilità ;

Minn dan jiġi li, biex l-attur nomine jista' jassoda l-istanza tiegħu, jeħtieġ li jipprova mhux biss li għamel operazzjonijiet mad-dar ta' barra, li fihom esplika l-operat ta' aġent, imma li hu "ġie kostitwit aġent tagħha għal Malta";

għax l-artikolu li fuqu hija bażata l-istanza jgħid appuntu "Where the agency conferred by the firm.........";

Ikkunsidrat;

Mill-korrispondenza eżibita, rettament valutata, ma jirriżultax *affattu li d-dar konvenuta nnominat* lill-attur nomine aġent tagħha għal Malta. Jirriżulta biss li hu, bl-intenzjoni li jipprokura l-aġenzija tagħha, qiegħed ruħu in relazzjoni magħha u għaddielha xi ordinazzjonijiet li hi eżegwiet. Id-dar konvenuta tagħtu l-prezzijiet tagħha u bagħtitlu kampjuni, għaliex, għalkemm kienet qabel għamlet tentativi ta' inizju ta' negozju *fil-pjazza ta'* Malta, ma *tantx kien irnexxielha*, u probabilment riedet tara mill-ġdid x'tagħti l-pjazza. L-attur nomine fiċ-ċitazzjoni jibbaża ruħu fuq l-ittra tad-dar tat-13 ta' Ġunju 1952, fol. 10; imma f'din l-ittra ma hemm ebda kliem li jistgħu jiġu nterpretati fis-sens li d-dar kienet qegħedha tagħti l-aġenzija lill-attur. Hemm biss f'dik l-ittra li d-dar estera kienet *sejra terġa tipprova s-suq ta' Malta*. Fl-istess epoka (appena tlettax-il ġurnata wara), ara ittra fol. 20, hija kitbet ukoll lil Giuseppe Debono (li issa qiegħed jirrappreżentaha f'dan il-ġudizzju), bagħtitlu l-prezzijiet u kampjuni, biex tipprova anki lilu; u f'din l-ittra lil Debono irrepetiet "verbatim" żewġ paragrafi ta' l-ittra minnha mibgħuta lill-attur — tant l-intenzjoni tagħha *kienet li ara lil min minnhom* tippreferixxi fil-futur tinnomina bħala aġent. L-attur nomine ssodisfa lid-ditta konvenuta, kif jidher mill-ittra tagħha fol. 14; imma ġara li Debono kien rakkomandat minn ditta oħra olandiża li kienet klijenta importanti tad-dar konvenuta, u għalhekk, biex ma titlifx din id-dar oħra olandiża, id-dar *konvenuta spiċċat biex innominat lil Debono bħala aġent* tagħha. Hu ovvju li d-dar kienet qegħdha tagħmel prova, u forsi anki ppruvat lil ħadd ieħor barra mill-attur u Debono, u mbagħad iddeċediet. Għalhekk fl-ittra fol. 14 hi qalet lill-attur:— "It is known to you.........";

L-attur ma kellux dritt jaħseb li, meta d-dar konvenuta *bagħtitlu l-prezzijiet u* l-kampjuni, *hi kienet tagħtieh l-aġen*zija, għax fl-ittra tiegħu minnu mibgħuta lid-dar.........., hu ma talabhiex l-aġenzija, imma qalilha li hu kien "interested to import your articles with substantial quantities, should

your prices be competitive''; u ntroduċa ruħu bħala ''General Commission Agents and therefore well acquainted with local wholesellers''. Naturalment anki hu ried jara kif imorru l-affarijiet qabel ma jimbarka bl-aġenzija tad-dar;

Għalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-attur nomine, għal-kemm għamel operazzjonijiet mad-dar li fihom kellu figura ta' aġent, eppure ma ġiex mid-dar nominat aġent tagħha;

Dan ma jfisserx li għal din in-nomina hemm bżonn bil-fors xi kuntratt formali; imma jeħtieġ li almenu mill-korrispondenza jirriżulta mhux biss il-konklużjoni ta' xi operazzjonijiet magħmula mill-attur bħala aġent fl-operazzjoni li tkun qiegħda ssir, imma jeħtieġ li jkun hemm xi ħaġa li wieħed minnha jista' jiddeżumi li d-dar ikkonferiet l-aġenzija lilu: dak li fil-każ preżenti ma hemmx;

Hu veru li f'xi dokumenti, imsemmija fis-sentenza appellata, id-dar irriferiet għall-attur bħala aġent; imma dawk il-kliem ifissru biss li f'dawk in-negozji l-attur kien qed jaġixxi fil-kwalità ta' aġent, iżda ma jistgħux bl-ebda mod jiġu estiżi li jfissru li d-dar ikkonferietlu l-aġenzija tagħha stabilment;

Ġie osservat li, fejn il-liġi riedet tirriferixxi għal aġenzija eskluživa, għamlet riferenza ''expressis verbis'', ċjoè fit-tielet subartikolu ta' l-art. 81. Dan sar għaliex il-liġi bilfors kellha tikkontempla l-każ ta' min jaġixxi bħala aġent f'operazzjoni bla ma jkun aġent tad-dar, u l-każ ta' min mhux biss jaġixxi bħala aġent, imma jkun anki aġent tad-dar, biex tagħti, kwantu għall-kummissjoni, drittijiet aktar ampji lil dan ta' l-aħħar. Fl-art. 82 (li taħtu nġietbet din il-kawża) ma kienx hemm bżonn tintuża l-kelma ''sole'', għaliex il-liġi użat kliem ekwipollenti, meta qalet ''Where the agency conferred by the firm.........'', u b'hekk uriet li dak l-artikolu kien jirrigwarda mhux lil min jagħmel *operazzjonijiet* ma' dar ta' barra bil-figura ta' aġent, imma lil min ikun aġent tad-dar minnha nominat;

Fi ftit kliem, bniedem jista' jagħmel operazzjonijiet ma' dar ta' barra bla ma jkun aġent tagħha, u ntant f'dawn l-operazzjonijiet jieħu l-*parti ta' aġent*, għax ikun intermedjarju bejn il-klijent li jagħmel l-ordni u d-ditta li lilha jiġi trasmess l-ordni; u bniedem jista', min-naħa l-oħra, jagħmel operazzjo-

nijiet bħala aġent ma' dar ta' barra u jkun fil-fatt ġie nominat bħala aġent tagħha. Il-każ ta' l-attur kien dak ta' l-ewwel, u ma laħaqx wasal għat-tieni stadju;

Għandu jiżdied li, kieku l-art. 82 kellu japplika għal min sempliċement jgħaddi ordnijiet ta' klijenti lil dar estera, bla ma jkun nominat aġent tagħha, kien jiġri inkonvenjent kbir li jinċeppa serjament il-kummerċ tal-"commission agents" fil-pjazza lokali. Infatti, hu risaput li d-djar ta' barra, qabel ma jiddeċidu jinnominaw aġent, jibdew biex jittrattaw affarijiet ma' diversi, ant biex jissondaw tajjeb is-suq lokali, kemm ukoll biex jaraw fiema mill-"commission agents" li jkunu qegħdin jaħdmu magħhom aktarx jaqdihom mill-aħjar. Issa, hu inkonċepibbli li kull wieħed minn dawn, sempliċement għaliex ittrasmetta ordinazzjonijiet lid-dar ta' barra, bla ma din innominatu aġent tagħha, ikollu dritt għal pre-avviż ta' tliet xhur, u, fin-nuqqas ta' pre-avviż, għad-danni; għax f'każ simili ebda dar ta' barra ma tavventura ruħha tieħu passi biex tinnomina aġent f'Malta, jekk għall kull wieħed li ħadmet miegħu fil-mod fuq imsemmi trid tistenna tliet xhur tal-pre-avviż qabel ma tinħall minn miegħu;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-konvenut nomine, tirrevoka s-sentenza appellata, u tirrespinġi t-talba; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.